**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 14 ta' Gunju, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Therese Sciberras)**

**-vs-**

**Aronne Gravina, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 60263(M).**

***Kumpilazzjoni Nru. 290/2012***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Aronne Gravina u ċioè talli:

> F'dawn il-gżejjer bejn Marzu, 2011, u Diċembru, 2011, b'diversi atti kontra l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bil-ħsieb li jestorċi flus jew xi ħaġa oħra, jew li jagħmel xi qligħ, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil persuna oħra u ċjoè lil MN tesegwixxi, tiddistruġġi, tqalleb jew tibdel testment jew obbligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija jew tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, hedded li jagħmel denunzja jew kwerela kontra jew li jagħti malafama lill MN.
>
> Il-Qorti tiġi mitluba sabiex minnfih ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javviċina lill-persuna u r-residenza tagħha kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew bejn Marzu u Dicembru, 2011, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fit-3 ta' Dicembru, 2015.

Illi l-**Ispettur Therese Sciberras** xehdet li kienet giet infurmata li 'asylum seeker', MN, ghamlet allegazzjoni li detention officer, l-imputat, kien jaghtiha xi oggetti bi skambju ghall-atti sesswali.[1] Dawn il-fatti gew maghrufa wara li MN kienet ghamlet tentattiv ta' suwicidju u kienet qed tinzamm Mount Carmel fejn anke fil-bidu ma rieditx tiehu passi kontra l-imputat.[2] Meta l-parte leza giet mitkellma mill-Ispettur din fhemitha kif kienet wasslet Malta permezz ta' dghajsa u peress li kienet immigrant illegali giet mizmuma id-Detention Centre Hal Far. Kien hemmhekk li saret taf li ommha kienet mietet u hi ppruvat taghmel suwicidju billi xorbot ix-shampoo; ghalhekk ttiehdet Mount Carmel u wara ntbaghtet go residenza Hal-Balzan. Kienet sabet impjieg bhala *care-worker* f'Sa Maison Retirement Home. Semmiet kif fiz-zmien li kienet id-Detention Centre l-imputat kien imissilha l-parti taghha u hi kienet itih sess orali. Ziedet li *"qatt ma kien heddida jew geghla taghmel dawn l-affarijiet kontra l-volonta` taghha pero hu kien heddida li jekk ma tkomplix taghmel dawn l-affarijiet, ma kienx ha jkompli jtiha dawn l-affarijiet."* Dawn l-affarijiet fil-fatt kienu jikkonsistu f'shampoo u oggetti ohra li mhux suppost kienu jithallew jidhlu fid-Detention Centre. Kien anke qalilha li seta' jirraportaha li kellha mobile phone u <u>b'tali rapport kienet issir tfittxija u jehlu l-immigranti l-ohra li wkoll kellhom mobile phone</u>. Qalet ukoll li wara li nhelset minn Mount Carmel kienet talbet lil Gravina johodha l-ETC biex tapplika ghax-xoghol.[3]

MN kienet infurmat lill-Ispettur li lil Gravina kienet qaltlu li rraportatu u hu beda jipprova jiddiswadiha milli tkompli bir-rapport minhabba li kellu familja. *"Meta giet mistoqsija minni rigward il-fatt illi jekk din ma kellix pjacir bl-affarijiet li kien qed jitlobha taghmel, ghaliex din kompliet taccetta li tarah wara li harget mid-detention services, hija qalet li hija kienet Kattolika tajba u li ridet tipprova ggib ruhha ta' Kattolika tajba. Hija qalet ukoll li kienet infurmatu li ma kienitx qed tiehu pjacir bl-avvanzi tieghu u l-fatt li hija issa ma kienitx ghada d-detention services taha l-kuragg biex tirrapurtah…ma kienitx irrapurtatu meta kienet gahda gewwa ghax bezghet li seta' jaghmilha xi haga."*[4]

---

[1] Dok. MS 3 a fol.35
[2] Fol.10
[3] Fol.11
[4] Fol.11-12

Illi meta ttiehditlu stqarrija[5] Gravina kkonferma li kien gie trasferit minn Hal Safi ghal Hal Far. Kien jahdem bix-shift. Ikkonferma li kien jaf lil MN u li kien jghaddi hafna hin maghha kif ukoll jaghtiha hwejjeg ta' martu ghax kien jiggustaha w innega li talabha pjaciri sesswali. Gravina kien stqarr li wara li giet rrilaxxata minn Mount Carmel kien ltaqa' maghha Hal Balzan u hadha diversi postijiet. Meta talbitu xi flus hu kien taha €10.[6]

Fl-istqarrija tieghu **Gravina** jghid li ghalkemm kien hemm 40 mara detenuta, kien jixtri oggetti lil MN biss u dan ghax kien jiggustaha u jithassarha! Gravina qal li MN kien ta' sikwiet ikollha inkwiet ma detenuti ohra u li qatt ma mar wahdu f'Zone C.[7] Cahad li qatt kellu x'jaqsam maghha minhabba li kien jibza li jiehu xi marda. Isemmi li meta kienet Mount Carmel talbitu €200 u meta rrifjuta talbitu €100 izda hu kien qal lil nurse jisimha Carmen, li MN qabdet biex iccempillu, li ma kienx lest itiha flejjes.[8] L-imputat jikkonferma li ghalkemm kien mgharraf li kienet irrapurtatu xorta mar jiltaqa' maghha imma ghax talbitu hi *"Hi kienet qalti biex niltaqaw u jiena kont mort Hal Balzan. Hi qalet li riedet issib job u riedet tikri flat. Jiena kont mort hdejn il-Knisja ta' Hal Balzan. Mort xi tlett darbiet. Darba gabet ukoll habib taghha maghha."*[9] Isemmi okkazzjoni ohra meta talbitu johodha l-ETC izda ma dahhlitx l-ETC u wassalha l-Belt ghax ried immur ghal mara Birzebbuga. Dakinhar biex nizlet mill-karozza kellu jtiha €10. L-imputat ma jichadx li kien icempel lil habiba taghha Mirabelle u jdejjaqha izda jghid li ghamel dan ghaliex ried ikun jaf ghaliex MN kienet qed taqla' dan l-inkwiet. Ikkonferma ukoll li kien inehhi l-lozor minn fuq id-detenuti sabiex ikun jista' jiehu count taghhom.[10] Mistqosi mill-Ispettur Sciberras jekk qattx qalilha li kien ser jirraporta l-fatt li kellha mobile lil maggur jichad u izid *"Ahna hemm il-hinijiet li suppost igibulhom l-affarijiet. Xi kultant ma jkunux jistghu jigu l-Hadd f'dawn il-hinijiet u ghalhekk gieli jigu hin iehor. Huma jgibu l-affarijiet minn mal-fence u ahna intuhomlhom."*[11]

Illi **MN**xehdet f'Awissu, 2012. Rrakontat li hi mill-Cameroon u ma kienitx taf ezatt meta giet Malta, izda tiftakar li kien il-bard.[12] Fid-Detention Centre kien ikollha bzonn ta' xi affaraijiet bhal melh u pigment. Tghid li Gravina saqsiha titkellimx bl-Ingliz u qaltlu li bil-Franciz kienet titkellem. Kien interessa ruhu fiha u qalilha li hi tfajla helwa. Darba minnhom gabilha xi frott, darb'ohra mobile *second hand*, *telephone card* gdida, affarijiet konnessi mal-kcina u max-xaghar, zewg pari zraben u baggalja. Tixhed li darba minnhom kien mar fejn il-fence u ghafsilha sidirha u hi resqet lura. Qalilha li xtaq ikollu relazzjoni maghha. Tghid li ma kienitx taf ghaliex kien qed joffrilha l-affarijiet. Tirrakonta kif darba bghata tnaddaf parti tal-post fejn

---

[5] Stqarrija Dok. MS4, fol.38 et seq. turi data erroneja tat-3 ta' Jannar, 2011, izda d-dikjarazzjoni dwar li naghata parir egali turi id-data tal 2012, a fol.42.
[6] Fol.12
[7] Fol.38 overleaf
[8] Fol.39
[9] Fol.39 a tergo
[10] Fol.40
[11] Fol.40
[12] Fol.31

kien hemm xi nies jirrangaw id-dawl, u kif kienet mal-art beda jhares lejn il-warrani taghha u anke messa fuqu. Gurnata ohra *"huwa nizel gharkuptejh u huwa pogga halqu mal-parti privata tieghi. Huwa qalli li jekk jiena naccetta r-relazzjoni mieghu hu kien ser jaghmilli baby li dan jippermettili li jkolli l-liberta`."*[13] Semmiet lil certu Paul kien joqghod ghassa biex jara hemmx xi nies fil-vicin. Waqt li kien isir il-*head count* u kienet tkun fuq is-sodda kien imur imissha u anke kien jitlobha torqod gharwiena u li meta jkun gej jibghatilha messagg sabiex din tinza.[14] Tghid li ma ghamlet l-ebda rejazzjoni ghaliex kien wissiha li kien ser jirraporta lill-Maggur Charlie li kellha mobile u hi ma xtaqitx tibqa minghajru.[15] Darb'ohra ta mobile gdid. Mitoqsija x'gara mill-messaggi li kien jibghatilha Gravina tghid li marret il-Vodafone biex igibu kopja tal-messaggi izda dawn kienu thassru.

Fiz-zmien li kienet f'detenzjoni, giet infurmata li mietet ommha u hi riedet taghmel suwicidju tant li belghet ix-shampoo u ttiehdet l-isptar Mount Carmel. Hemmhekk kien iccempilha Gravina fejn tkellem ma nurse Carmen biex tirtira l-ilment li ghamlet kontrih. Hekk kif halliet Mount Carmel u marret toqghod Hal Balzan saret taf minghand Paul li Gravina gie trasferit ghal-Hal Safi. Gravina kien ta phone card lil persuna ohra mill-Cameroon biex jikkonvinciha tirtira l-imsemmi ilment. Gravina kien qallila li ried jikri flat u li kien ihobbha, filwaqt li kien anke jaghti xi affarijiet lil hbieba. Il-habib taghha kien qalilha li Gravina xtaq ikellimha u kkonvinciha tiltaqa' mieghu l-iktar ghax kien qed jiffithom (biex jiltaqa' maghha). Kien il-jum tal-Hadd u hi kellha tmur Hal Far taghti xi ikel lil ohta. Meta ltaqet mieghu hdejn il-knisja ta Hal Balzan hi marret ma habiba taghha u Gravina kien qalilhom biex ibaxxu rashom halli l-camera li hemm Hal Far ma taqbadhomx.[16]

Jinghad li fl-istqarrija tieghu Gravina ikkonferma li kien jahdem ma certu Paul Mizzi.[17]

Peress li kien fiz-zmien li kienet Mount Carmel li ghamlet l-ilment kontrih, Gravina beda jsaqsiha ghaliex ghamlet rapport kontrih meta huwa kien ihobba. Fil-hin li kienu fil-vettura tieghu talab lill-habibitha biex toqghod f'genb halli jitkellmu huma biss. Qalilha li kien ihobba u li ried jikrilha flat. Qalilha ukoll li jhobb lill-immigranti ohra u kien konvint li hi giet konvinta minn ohrajn sabiex taghmel rapport kontrih *"U fil-karozza huwa pprova jmissni wkoll u fil-karozza irrepetieli li jhobb il-v***** tieghi …. ipprova jmissni fil-karozza imma ma rnexxilux ghax jiena irrezistejt…ghidtlu li ma ridtx".*[18] Tghid li Gravina kien anke tkellem ma habib taghha certu Joshua u offrielu numru ta oggetti biex jaghmel kuntatt maghha. Baqghet tirrifjuta tant li biddlet in-numru tat-telefon izda gab in-numru l-gdid minghand habib

[13] Fol.17
[14] Fol.18
[15] Fol.18
[16] Fol.20
[17] Fol.38 a tergo
[18] Fol.21

taghha.[19] Issa gara li Gravina baqa' jiffitta lil habib taghha biex tiltaqa' mieghu. Ghalhekk biex hbieba ma jkomplux jiffitawha hi accetat li tiltaqa' mieghu ghall-ahhar darba. Dakinhar kien ghamel avvanzi sesswali wara li kien uza forza fil-konfront taghha u fil-fatt kellhu x'jaqsam maghha. Kien heddida li jekk tikxfu kienet ser tara' x'se jigri.[20] Wara wassalha Hal Balzan fejn tul triqitha hi ma waqfietx tibki.[21] Tghid li ghall-ewwel ma rieditx li l-kaz jasal ghand il-pulizija izda wara riedet li jittiehdu passi. Ma kienitx gharrfet lill-pulizija bl-istupru peress li kienet harget tqila u baqghet tibza wara li kien heddida; kellha tarbija f'Lulju (xahar qabel ma xehdet) u din it-tarbija kienet tal-boyfriend taghha, Eric.[22]

Kif jista' jigi kkonstat <u>hafna mid-dettalji li tat MN gew kkonfermati mill-imputat fl-istqarrija tieghu bhal per ezempju dwar kollega tieghu li jismu Paul fejn irrizulta li kien Paul Mizzi, dwar il-fatt li darba ltaqghet mieghu ma habiba taghha u li kien icempel lil hbieb taghha</u>. Id-divergenza tibqa' dwar il-fatt li hu qatt ma heddida jew rrikataha.

Illi **Celine Marie Warnier de Waily**, legal advisor mal-JRS Refugee Services spjegat kif parti minn xogholha kien li zzur id-detenuti fid-Detention Centres. Meta MN kienet Mount Carmel kienet talbitha tghina dwar abuzz sesswali li garrbet meta kienet id-Detention Centre u meta spjegatilha xi proceduri setghet tiehu din ghazlet li minflok tmur ghand il-pulizija taghmel rapport lil Kap tad-Detention Centre, il-Kurunell Brian Gatt.[23] Dan l-abbuzz kien jikkonsisti filli meta l-imputat kien ikun fuq in-*night shift* kien jiltaqa' ma MN hdejn il-gate taz-zona fejn kienet mizmuma[24] u hemm kien imissha fil-parti taghha u jaqbdilha sidirha.[25] Kienet qaltilha li ltaqghet ma Gravina biex jitkellmu peress li kien baqa' jcempilla u meta kienet infurmatha li anke kienet giet stuprata, hi rriferiet il-kaz lill-Pulizija. Kienet ltaqghet maghha darba ohra biss meta marret maghha l-Ghassa biex titkellem mal-Ispettur Sciberras sabiex tkun tista taghmilha ta' interpretu. In kontro-ezami tispjega li zone C fejn kienet mizmuma MN tinsab fuq in-naha l-ohra tal-*guard room.* Dwar fejn kienet torqod tghid hekk "*So she's kind in a little compartment in the bunk bed. So when the soldiers come,* ***they have to go in and take up those sheets*** *to see if there's anyone."*[26] Qalet li Gravina kien anke xtralha msielet li kienet issellef lil habibitha. Kkonfermat li MN kienet qaltilha li hbieba kienu qed jaghmlu hafna pressjoni fuqha peress li l-imputat kien qed jiffitahom u anke jtihom rigali bhal ikel u xorb sabiex dawn jaghmlu hilithom sabiex jikkonvincu lil MN tiltaqa' mieghu.[27] Tghid li harget minn Mount Carmel ghall-habta ta' Novembru, 2011.

[19] Fol.22
[20] Fol.25
[21] Fol.26
[22] Fol.29-30
[23] Fol.53
[24] Fol.56
[25] Ibid.
[26] Fol.58
[27] Fol.61 u 62

Illi **Dr Katrine Camilleri**, direttur tal-JRS, xehdet li s-servizz taghha kien kiteb lil Kurunell gatt sabiex jinvestiga allegazzjonijiet ta' abbuz fuq MNminn Aronne Gravina.[28]

Illi **Joseph Saliba** kkonferma li Gravina kien impjegat bahla Detention Service Officer bejn it-2 ta' Frar, 2009 u l-25 t'April 2012.[29]

Illi l-**Kurunell Brian Gatt** xehed kif fit-28 ta' Settembru, 2011, kien ircieva ilment dwar Gravina u mill-ewwel ha azzjoni biex ttrasferixxa lill-imputat Hal Safi biex jevita li jhallih f'kuntatt ma detenuti nisa. Isemmi li *"illum il-gurnata"* (24 t'Ottubru 2013, data li fiha xehed) Gravina kien ufficjal pubbliku[30].

L-imputat **Aronne Gravina** ghazel li jixhed. Huwa spjega f'dettal il-*lay out* tad- Detention Centre ta' Hal Far. In-nisa xebbiet kienu jinzammu f'Zone C u minn din iz-zona sal-*guard room* kien hemm tul simili ghad-distanza bejn il-Qorti u l-BOV.[31] Id-detenuti minn zoni differenti ma kienux jithalltu.[32] Ikkonferma li min kien ikollu t-tfal jew nisa tqal ma kienux jibqghu mizmumin.[33] Meta kien issir il-*head count* kienu jkunu bejn tnejn jew tlett ufficjali u kienu jfittxu johorgu l-barra. Jghid li anke biex johdulhom l-ikel kienu jkunu 2 jew 3 ufficjali.[34] Privatezza ma kienx hemm ghax kien ikun kmamar b'madwar 20 *bunk bed*. Kien ikollhom imissu l-kutri meta jaghmlu l-head count peress li gieli stahbew u ghamlu minnflok imhadded.[35] L-imputat jghid li ta spiss kien jixtrilhom affarijiet ghax kien jithassarhom. Dwar mobiles jghid hekk *"Alla_hares, Alla hares xi hadd jinqabad idahhal mobile… Le, le jitkecca mix-xoghol u ma nafx jekk ikun hemm xi, itellghek il-Qorti jew xi haga."*[36] Ikompli *"Qabel ma kellhomx dritt ikollhom mobile huma. Imma xorta mobiles kien ikollhom. Jien meta kont nidhol nghamel il-head count fil-ghodu min jaf kemm il-darba nsibha rieqda bil-mobile f'idejha. Kont niehodulha nitfghulha taht l-imhadda* ***halli siehbi ma jarahx****."*[37]

Dan ifisser li l-imputat kien jemmen li l-fatt li ddahhal mobile kien jista' jwassal ghal proceduri quddiem il-Qorti peress li dan ma kienx permess. U la ma kienx permess ghal gwardjan iddahhal mobile, wisq anqas ghal detenut, tant li jghid li hu stess kien jahbihulhom!

L-imputat rrakonta kif darba MN kienet involuta fi glieda u hadha, max-xufier, il-policlinic. Min dakinhar forsi ghax kien qaghad ikellimha u jzieghel biha, hi bdiet tindies mieghu.[38] Hu jghid li kien jiggustaha u xtrala hafna

[28] Fol.64
[29] Fol.74
[30] Fol.83
[31] Fol.101
[32] Fol.101
[33] Fol.101
[34] Fol.103
[35] Fol.104
[36] Fol.105
[37] Fol.106
[38] Fol.107

affarijiet fosthom hair extensions u baggalja.[39] Huwa jixhed li lin-nies ohra ma kienx jixtrilhom affarijiet[40] izda ma MN kienu joqghodu jitkellmu meta hu kien ikun fil-*guard room* u hi wara tieqa bil-gradilja *"U qisu kien hemm dak il-bond."*[41] Kien jaghti hwejjeg ta' martu lin-nisa biex jaqsmuhom bejniethom. Jinnega li xtralha mobile. [42] Ikompli li meta baghata tnaddaf f'Zone E kien hemm nies tal-maintenance u ghalhekk ma kienx baqa' wahdu maghha. Jinnega ukoll li qatt missilha l-warrani.[43]

Illi Gravina jkompli li immigranta ohra kienet qaltlu li MN ghamlet ilment simili fil-konfront ta' sid il-kera li kellha fil-Libja. Din izda ma resqietx biex tixhed ghalkemm kien talabha taghmel dan. Jichad li kien offra ittaqalha biex tohrog mid-detenzjoni.[44] Isemmi kif meta dahhlet Mount Carmel nurse bl-isem ta' Carmen kienet qaltlu biex icempel aktar ta' spiss biex jghinna izda meta cempel kienu qalulu li ma setax ikellimha.[45] Fiz-zmien li kienet Mount Carmel kienet talbitu €200 u qaltlu jtihom lil Carmen. Gara izda li sar jaf li kien qed jigi investigat fuq ir-rapport li ghamilitlu u ghall-ewwel haseb ghax taha baggalja gdida izda wara sar jaf li l-allegazzjoni kienet fuq abbuz sesswali. Wara li harget minn Mount Carmel, din kienet talbitu johodha l-ETC izda marret ma habib taghha, pero` kif rat hafna nies regghet lura. Darba ohra jispjega li hadha tapplika biex tahdem l-isptar *"Jien xorta naf li ghamlitli din l-inkjesta imma xorta kont ippruvajt nghinha. Anke ppruvajt insibilha fejn toqghod. Ma kelli xejn hazin kontriha."*[46]

In kontro-ezami jikkonferma li meta gie mitkellem mill-Pulizija ma kienx qalilhom li MN kienet qalet xeba meta kienet f'detenzjoni u li sahansitra kienu ser jitfghuha l-bahar meta kienu qed jaqsmu fuq id-daghjsa. Jammetti li kien jghin lil kull min jitolbu, kien jaqdihom u jmur jixtrilhom u gieli anke mar ghalihom bil-vettura tieghu.[47] Jinsisti li meta mar ghaliha Hal Balzan guvni gabet maghha u mhux tfajla. Isib diffikulta kbira jispjega ghaliex ghazel li jiltaqa' maghha wara li din ghamlet rapport dwaru *"Ma nafx…. Ma nafx. Ma nafx"* izda jichad li kien talabha ghall-favuri sesswali.[48] Jikkonferma li kien tkellem dwar MN kemm ma certu Joshua li kien mill-Cameroon kif ukoll ma tfajla ohra li jghid li kienet sawtitha (lkoll fatti li gja xehdet dwarhom MN ).[49] Jerga jsib diffikulta' jispjega kif, galadarba kien jaf li kien qed jigi investigat, xorta mar iwassalha l-ETC semplicement ghax kienet talbitu hi *"Magistrat ma nafx"*[50] Jghid li ma kellux gibda lejha izda kien jithassarha u xehed li anke qalilha tibda timudella *"Kienet snella hi u*

[39] Fol.108
[40] Fol.108
[41] Fol.108
[42] Fol.109
[43] Fol.110
[44] Fol.111
[45] Fol.112
[46] Fol.115
[47] Fol.119
[48] Fol.120
[49] Fol.123
[50] Fol.125

*irqiqa u ghidtielha.... Mhux toghgobni. Kont niggustaha biss."*[51] Mistqosi dwar il-mobile itenni li ma tahiex mobile u li kienu bosta li kellhom mobile izda qatt ma rraportahom. Jikkonferma li fuqu kien hemm il-Maggur Charlie izda qatt ma kellimha dwaru. Jikkonferma ukoll li habib tieghu jismu Paul Mizzi. Mistqosi dwar jekk qatt kienx wahdu maghha meta baghta tnaddaf jghid li kien hemm zewgt min nies tal-maintenace izda ma kienux vicin taghhom.[52]

Wara li kkunsidrat ix-xhieda tal-imputat l-Qorti tqis li hafna minn dak li rrakontat MN ma kienx finzjoni ghaliex mid-deposizzjoni tal-imputat jirrizultaw il-fatti li semmiet hi, izda bi sfumatura differenti. Ovvjament il-verzjonijiet taghha u tal-imputat ivvarjaw izda jissemmew persuni, okkazzjonijiet, grajjiet u postijiet li rrizultaw minnhom jew avveraw rwiehom bhal ma hi l-fatt li ntbaghatet tnaddaf, li xtralha bagalja u *hair extensions*, il-fatt li kien ikun akkumpanjat minn certu Paul (Mizzi), li kien icempel lil habibitha u li ltaqghet mieghu fil-presenza ta' habiba. Dwar il-mobile biss l-imputat jichad li xtralha jew taha wiehed izda mhux dwar l-oggetti l-ohra. Ghaliex? Ma jridx jintnesa li l-imputat kien jemmen li jekk ikollok jew iddahhal mobile fic-centru setghu jittiehdu passi kontrih. Il-Qorti temmen li hu kien daqstant iehor konvint li detenut ukoll kien ser jigi suggett ghal xi proceduri f'kaz li jinqabad b'mobile. Hu ghalhekk li filwaqt li jaccetta li vera xtralha dawk l-oggetti kollha li hi semmiet, dwar il-mobile hu jichad li kien ghaddielha wiehed! Hu kien tassew jemmen li seta' jgibha f'inkwiet kieku kixef li kellha mobile!

Il-Qorti tistqasi ukoll ghaliex MN , una volta li kellha tarbija u kienet qed tghix serenement mal-boyfriend taghha, fejn hajjitha kienet hadet zvolta gdida, kellha ghalfejn tinsisiti fuq l-allegazzjonijiet li kienet ghamlet kwazi sena qabel? Ghaliex kellha tghaddi minn esperjenza ta' Qrati, tumilja ruha bix-xhieda taghha, meta ma kellha bzonn xejn izjed minghand l-imputat? Meta kienet qed tgwadi hajja ma' familtha libera mid-detenzjoni?

Illi xehed **Paul Mizzi** li kien jaf lill-imputat bhala ragel sew. Spjega il-*layout* u li meta kienu jidhlu biex jghodduhom kienu jkunu madwar xi 5 ufficjali; l-immigranti kienu jkunu fuq is-soddod u ta' gieli kienu jistahbewlhom biex jinkuwhom. Iddeskriva li kienu jkunu 4, tnejn mal-bieb u tnejn fil-kamra.[53] Kienu jinghataw ic-cavetta mis-superjur taghhom li ta' spiss kien jakkumpanjahom. Biex jitkellmu maghhom dan kien isir minn wara l-hadid.

Fil-fatt MN xehdet li l-imputat kien imissha minn mal-fence.[54]

Mizzi jkompli li ma shaba MN ma kienitx timxi sew, kienu jgorru dwarha. Kkonferma li d-detenuti kellhom mobiles ghalkemm kien hemm zmien fejn dawn ittiehdulhom. In kontro-ezami Mizzi jghid li ix-shifts tieghu u tal-imputat mhux dejjem kienu flimkien u li kienu risponsabbli mis-sezzjonijiet

[51] Fol.126
[52] Fol.128
[53] Fol.137
[54] Fol.56

kollha fejn kien hemm bzonn jitqassam l-ikel. Dwar ic-cavetta jghid li din kienet tkun fil-*guard room* tas-suldati u meta kienu jmorru ghaliha biex iqassmu l-ikel kienu jmorru s-suldati maghhom. Mitlub jghid ghaliex kien iqis lil MN bhala 'mqarrba' jghid ghaliex kienet tkun trid il-hwejjeg li kienu jgibulhom ghaliha! [55]

Illi l-imputat gie akkuzat bir-reat previst bl-artikolu 250 tal-Kodici Kriminali u cioe' dak tar-rikatt:

**250.** (1) Kull min, bil-ħsieb li jestorċi flus jew xi ħaġ'oħra, jew li jagħmel xi qligħ, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil persuna oħra tesegwixxi, tiddistruġġi, tqalleb, jew tbiddel testment jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, ihedded li jagħmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jagħti malafama lil, dik il-persuna jew persuna oħra, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sena sa erba' snin.

(2) Kemm-il darba b'dan it-theddid il-ħati jasal fil-ħsieb tiegħu, huwa jeħel il-piena ta' priġunerija minn tmintax-il xahar sa ħames snin.

L-istess Kodici jistabbilixxi dak li jammonta kemm ghal kwerela kif ukoll ghal denunzja:

**535.** (1) Kull persuna tista' tagħmel denunzja lil uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva ta' reat li tkun ġiet taf bih b'kull mod li jkun, u li għalih il-Pulizija tista' tmexxi *ex officio*….

**536.** Id-denunzjant għandu jfisser ċar il-fatt bl-irqaqat kollha tiegħu, u għandu jagħti, kemm jista' jkun, dawk il-partikularitajiet kollha meħtieġa li jaċċertaw ir-reat, li jistabbilixxu x-xorta tiegħu kif ukoll li juru min huma l-awturi u l-kompliċi….

**538.** Kull persuna li jidhrilha li hi offiża b'reat u tkun trid tagħmel kwerela għall-kundanna tal-ħati, jekk magħruf, jew, jekk mhux magħruf, fil-każ li jinkixef, tista' tagħmel din il-kwerela lil kull uffiċjal tal-Pulizija, ukoll b'ittra biss.

Ghalhekk bla dubbju l-fatt li persuna tkun ser tirraporta persuna ohra, takkuzaha b'xi haga jew taghmel ilment dwarha, jikkwalifika bhala *"kwerela"* jew *"denunzja"* kemm il-darba l-att ilmentat ikun jammonta ghal reat. Ikun jintieg ukoll li dak l-ilment issir lill-Pulizija Ezekuttiva.

Illi l-Qorti temmen *in toto* l-verzjoni tal-parte leza MN. Mhemmx dubbju li l-imputat ma sab l-ebda ezitazzjoni sabiex jisfrutta l-fatt li MN kellha mobile, malizjozament moghti minnu stess, u dan bl-iskop li jiehu favuri sesswali minghandha. Dak li jaghmel tali kondotta aktar deplorevoli hu l-fatt li tali kondotta sehhet meta l-parte leza fil-kustodja tieghu bhala Detention Services Officer.

Kien l-imputat li kif xehed quddiem il-Qorti, *"Alla hares, Alla hares xi hadd jinqabad idahhal mobile… Le, le jitkecca mix-xoghol u ma nafx jekk ikun hemm xi, itellghek il-Qorti jew xi haga."*[56] Minn din id-dikjarazzjoni jirrizulta

[55] Fol.143
[56] Fol.105

li l-imputat kien taht l-impressjoni li konsegwenzi koroh kienu jistennew lil min kien jikser ir-regolamenti. Izda fuq kollox kull immigrant detenut kien konsapevoli li ma setghax ikollu mobile phone tant li fi kliem l-imputat kienu jahbuh meta isir il-*head count* taghhom u ghalhekk huwa sfrutta dik il-biza' tal-immigranti li jinqabdu b'mobile phone fil-perjodu meta dan ma kienx permess. L-imputat kien qal hekk *"gieli rajt nisa, tfaljliet reqdin bil-mobile f'idejhom. Kont niehodoluhom minn go idejhom biex ma jarahx siehbi u nitfaghhulha taht l-imhadda."*[57] Jigi mfakkar ukoll dak li MN stqarret mal-Ispettur Sciberras li l-imputat kien wissiha li seta' anke jittiehdu l-mobiles ta' detenuti ohra galadarba kien jikxef li hi kellha mobile: *"U qalet ukoll li anke giet mhedda li jekk issir da search, isibu li hemm xi mobile phones li kellhom ir-refugjati l-ohrajn u minhabba f'hekk hija tidhol fit-trouble"*.[58]

Il-Qorti temmen li Gravina abuza mill-posizzjoni tieghu kif inghad. Ma tezisti ebda raguni ghaliex il-Qorti ghandha ma tqisx ix-xhieda tal-parte leza bhala wahda attendibbli, u li hi *safe u satisfactory*. MN xehdet quddiem din il-Qorti precizament meta ma kienet qed tistenna l-ebda trattament favorevoli; kienet gja` qed tgawdi mill-liberta` taghha, fejn flimkien mal-partner taghha u t-tarbija taghhom kienet imbarrkat fuq hajja gdida il-boghod mic-Centru ta' Detenzjoni jew il Bonpastur.

In kwantu ghall-akkuza li jinsab addebitat biha l-imputat isir riferenza ghad-decizjoni preliminari tal-Qorti ta-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Maestà Taghha r-Regina kontra Geraldu Cassar et:[59]**

Ir-reat ta' rikatt aggravat bil-kosegwiment tal-lukru kontemplat fl-artikolu 263(2) [illum 250(2)] tal-Kodici Kriminali hu reat istantanju u mhux permanenti, imma billi l-effett tieghu, cioè l-biza tad-denunzja inkulkata fis-soggett passiv tista' u generalment tibqa' tipperdura, jippresta ruhu hafna ghar-ripetizzjoni jew ghal forma kontinwata (skond is-solita regola jekk l-attijiet sussegwenti ikunux l-effett ta' rizoluzzjoni gdida kull darba jew tar-rizoluzzjoni originali u unika) u dan anke fis-sens li l-estorsjoni tal-lukru, fl-izvolgiment ulterjuri tad-delitt (jew kontinwat jew semplicement ripetut), ma jkollhiex ta' kull darba l-bzonn tar-ripetizzjoni espressa u formali tat-theddida, u dan ghar-raguni ovvja li l-persuna rikattata, darba li tilhaq tigi sufficjentement impressjonata, tkun lesta ccedi ghal kwalunkwe domanda estorsiva li terga' ssirilha mill-kompartecipi originali tad-delitt, liema domanda ma jkollhiex bzonn ta' formuli specjali ghax tinftiehem, basta li dawk li ghandhom jiggudikaw mill-fatti jkunu sodisfatti li l-attijiet il-godda jkunu kkuluriti mill-intenzjoni doluza mehtiega ta' l-agent u mill-effett estorsiv attwalment ezercitat fuq l-animu tas-soggett passiv li, kif hu risaput bhala karatteristika ta' dan id-delitt fahxi, spiss isir qisu awtoma li r-rikattatur jilghab bih kif irid u meta jrid.

Imbaghad fis-sentenza **Il-Pulizija v. Edgar Apap** gie deciz li:[60]

Il-ligi tikkontempla d-delitt ta' rikatt li jigi kommess bil-hsieb, fost ohrajn, li jsir xi qliegh. ....

---

[57] Fol.116
[58] Fol.11
[59] Dec: 2 ta' Lulju, 1975 per S.T.O. Prof. J.J. Cremona, Onor. Maurice Caruana Curran B.A., LL.D., u Onor. Victor R. Sammut B.A., LL.D.
[60] Dec. 13.04.1957 – Kollez. XLI.IV.1378

L-artikolu l-lum numerat 263(1) kellu zewg emendi-… dik tal-Ordinanza IX tal-1859…..ghaliex kien bl-art.18 taghha li gew introdotti fid-disposizzjoni l-kliem "o di fare altro lucro".

Ghalhekk hu cerat li sa meta ma gietx l-emenda tal-1859, il-lokuzzjoni tal-epoka keinet "denaro od altro ogetto" jew "robe"- haga certament ta' valur patrimonjali materjali; tant li fil-Progett il-piena kienet gradwata skond il-valur;;

Il-problema guridika ghalhekk hu x'inhu s-sens tal-kliem aggunti bl-Ordnanza tal-1859 " o di fare altro lucro….", jew ahjar tal-kelma "lucro"….

Il-kelma "lucro" hi definita bhala "guadagno", li hi l-kelma "gain" fit-test Ingliz…. U l-istess jibqa' dan is-sens materjali tal-kelma anki jekk wiehed jiehu l-ezempju estrem tal-uzu taghha fit-Terenzio "Quid mihi lucre est te fallere?" (Che guadagno c'ho io dall-ingannarti?"). ma jinstabx uzu tal-kelma f'sens ta' godiment jew sodisfazzjoni personali jew morali; ….

Ghandu jigi osservat ukoll li fil-ligi taghna hemm kontemplata l-minaccia li wiehed jakkuza lil hadd iehor minn delitt, bhala rikatt, u hemm anke kontemplat il-kaz ta' akkuza kalunnjuza effettiva; u f'dan il-kaz ta' kalunnja jinghad, fl-art.99(a) tal-Kodici Malti – "Meta d-delitt isir bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra…"; u ma hux facli li wiehed isib raguni ghaliex, meta ssir il-minaccia biss ta' akkuza (rikatt), hu bizzejjed anki godiment kwalunkwe, anke mhux materjali, mentri, meta hemm il-kalunnja effettiva, allura l-iskop hu limitat ghal flus jew haga materjali.

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fid-decizjoni taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Angelo Vella** qalet dan dwar l-artikolu 250 tal-Kodici Kriminali:[61]

Dan l-artikolu tal-Kodici Kriminali gie kkunsidrat funditus mill-kompjant Imhallef W. harding fis-sentenza in re**. "Il-Pulizija vs Edgar Apap"** tat-13 ta' April, 1957 fejn gew anke kkunsidrati l-import tal-kliem 'qliegh' fil-kuntest ta' dan l-artikolu. Jidher illi l-origini ta' dan l-artikolu huwa xi ftit oskur kif gie spjegat fl-imsemmija sentenza, però ma hemmx dubju illi wiehed mill-elementi principali ta' dan ir-reat huwa illi min jikkommettieh irid ikun hedded li jaghmel denunzja jew kwerela kontra persuna ohra jew li jaghtiha mala fama bhala hatja ta' reat jew ta' fatt li jtellef il-gieh u li inoltre dan it-theddid irid ikun akkompanjat bl-element intenzjonali specifiku u cioè li l-hati jrid ikollu l-hsieb li jestorci flus jew xi haga ohra jew li jaghmel xi qligh bhala rizultat ta' dik it-theddida.

Ssir riferenza ukoll ghas-sentenza fl-ismsijiet **Il-Pulizija vs Ashraf Elbakry**:[62]

Illi l-legislatur permezz tat-terminologija uzata sabiex issawwar dana ir-reat fassal l-elementi kostituttivi tieghu fejn ghamel distinzjoni bejn l-intenzjoni rikjesta fir-reat tal-estorsjoni ta' flus fejn allura l-malvivent qieghed jaghmel ir-rikatt tieghu ghal skopijiet ta' qliegh jew lucro u dak fejn allura l-intenzjoni tar-rikattatur huwa biex igieghel lill-vittma tieghu taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga. Illi fil-kawza **il-Pulizija vs Edgar Apap** deciza it-13 ta' April 1957 il-Qorti kienet studjat *funditus* l-element tal-qliegh bhala bazi ghar-reat tar-rikatt meta qalet:

*"Il-kelma 'qliegh' fil-materja tirreferixxi ghal xi haga li ghandha valur patrimonjali, u mhux kompriz is-sens ta' dik il-kelma kwalunkwe godiment jew pjacir, jew sodisfazzjon, anki mhux ta' valur patrimonjali.*

---

[61] Onor Imhallef Dr. Carmel A. Agius; Deciza 28 ta' Lulju, 1988

[62] Deciza 09.01.2014; Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Onor Magistrat Dr Edwina Grima.

*Jekk l-iskop ta'l-agent kien dak ta' sodisfazzjon personali biss sija pure riprovevoli, jonqos l-elment kostituttiv tar-rikatt."*

Illi, madanakollu, dina d-disposizzjoni tal-ligi kienet giet emendata permezz ta'l-Att numru III tal-2002, fejn dahhlu fis-sehh diversi emendi ghal Kodici Kriminali taghna. Illi bis-sahha ta'dina l-emenda l-legislatur ried jipprovdi sanzjoni ukoll fil-kazijiet fejn l-intenzjoni tar-rikattatur ma tkunx biss dik tal-qliegh finanzjarju jew ekonomiku jew ta' xi gwadann iehor personali. Illi fil-laqgha tal-Kumitat tal-Kamra tar-Rapprezentanti ghall-Abbozz tal-Ligi dwar dawn l-emendi l-Onor. Tonio Borg ighid hekk dwar l-iskop ta'l-emenda ghall-artikolu 250 in dizamina:

*"Qabel ir-rikatt kien ikkonsidrat biss bħala att kriminali jekk kien iwassal għal gwadann ekonomiku, bdil jew distruzzjoni ta' provvediment kuntrattwali jew inkella ta' testment, pero` bl-emenda li qed nagħmlu r-rikatt se jkun ipprojbit kriminalment għal kwalunkwe skop u se jkun meqjus bħala att kriminali, anke jekk, per eżempju, ikun hemm theddida ta' inġurja jew ta' malafama fil-konfront ta' persuna."*[63]

……Konsegwentement l-intenzjoni wara r-rikatt jew it-theddida hija li l-malvivent igieghel lill-vittma tieghu jaghmel xi haga li altrimenti ma kienx ser jaghmel billi ibezzghu b'minacca ta' hsara li tista' tigri lill-vittma tieghu jekk ma jaghmilx dak illi irid igieghlu jaghmel. Fil-fatt is-sub-inciz (2) ta'l-istess disposizzjoni tal-ligi tipprevedi zieda fil-piena meta ir-rikattatur jirnexxielu fl-intenzjoni tieghu.

Din is-sentenza giet citata f'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Edgar Publius Bonnici Cachia**:[64]

Illi ghalhekk biex jissussisti r-reat in ezami mhux necessarju li jigi pruvat li limputat ried jaghmel xi gwadan patrimonjali ghaliex jista jissussisti r-reat, kien x'kien l-iskop li ried jilhaq l-imputat b'l-agir tieghu; dan naturalment jekk jigu pruvati l-elementi l-ohra rikjesti biex jissussisti r-reat.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li l-imputat kellu skop specifiku: dak li jkun jaf ghalfejn Farrugia temmet ir-relazzjoni ta' bejniethom. Jirrizulta ukoll li huwa agixxa bil-mod kif agixxa fil-konfront ta' Farrugia biex jilhaq dan il-ghan.

Ill pero l-artikolu 250 fuq kwotat jirrikjedi ukoll li biex l-imputat jilhaq dak l-iskop irid ikun ghamel theddied fil-konfront tal-vittma, u li dan it-theddied ikun li jagħmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jagħti malafama lil, dik il-persuna jew persuna oħra.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li dak li "hedded" bih l-imputat kien li ser jipprezenta ruhu quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku biex jixhed fil-proceduri ta' annullament ta' Farrugia. Hu "hedded" ukoll li ser ikellem li xi persuni "influwenti" fit-Tribunal Ekklesjastiku u anke li ser iwassal biex Farrugia ma tiehux l-annullament. X'kien ser jghid l-imputat lil dawn in-nies, jew x'kien ser jixhed kieku gie accettat bhala xhud quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku ma jirrizultax; ghalhekk ma jistax jinghad li huwa kien ser jaghmel xi malafama filkonfront ta' Farrugia. Lanqas ma jirrizulta li l-imputat kien ser jaghmel xi denunzja jew kwerela kontra Farrugia.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi huwa mankanti element essenzjali tar-reat in ezami li ghalhekk ma jistax jissussisti.

---

[63]Laqgha tas-17 ta' Ottubru, 2001

[64] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali Deciza 26.03.2015 per Onor Magistrat Dr Doreen Clarke.

Ghalhekk fid-dawl tal-gurisprudenza enuncjata u tenut kont li it-theddida tal-imputat ma kienitx dik li ssir denunzja, kwerela kontra l-parte leza jew li jaghtiha malafama bhala hatja ta' reat jew ta' fatt li jtellef il-gieh, l-kondotta tieghu ma tista' qatt tammonta ghall-reat fit-termini tal-artikolu 250 tal-Kodici Kriminali.

Ghalhekk l-akkuzi ma jirrizultawx ippruvati u l-imputat qed jigi liberat.

Finalment sabiex ma tinholoqx vittimazzjoni sekondarja fuq il-parte leza, tordna li isem l-istess parte leza ma jissemmix meta din is-sentenza titqieghed fuq il-*web-site* ufficjal tal-Gvern ta' Malta, Sezzjoni Ligi u Infurzar u li jkun hemm divjet fuq l-istess isem fil-gazzetti lokali u mill-mezzi tax-xandir.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**